Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Elliott Magro)

vs

Aron Vella

Kumpilazzjoni Numru: 311/20

Illum, l-erbatax (14) ta' Marzu, 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Aron Vella detentur tal-karta tal-identita' 545584M akkuzat talli nhar l-20 ta' Novembru, 2019, u fil-granet ta' qabel gewwa Tarxien, b'diversi atti maghmula minnu

fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Stokkja, zamm, biegh jew offra ghall bejgh annimali minghajr ma kellu licenza biex jaghmel dan u dan bi ksur tar-Regolament (3) tal-L.S. 439.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Zamm u tratta annimal mhux skond il-bzonnijiet fizjologici u attidunali tieghu, partikolarment fl-akkomodazzjoni fejn ma kienx hemm spazju bizzejjed ghall bzonnijiet tal-movimenti u l-ezercitazzjoni ta' kull annimal skond l-Skedi B sa I, u dan bi ksur tar-Regolament (8) tal-L.S. 439.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha (9) ta' Lulju elfejn u ghoxrin (2020) fejn biha biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi mix-xhieda tal-<u>**Ispettur Elliott Magro**</u> hareg illi dawn il-proceduri nbdew permezz ta' kwerela minghand id-Direttur tal-Veterinarja datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru elfejn u dsatax (2019) sabiex jinhargu akkuzi kontra Aron Vella peress illi huwa kien fetah hanut bla licenzja fejn dan kien qed ibiegh ghasafar u oggetti ohra minghajr licenzja u ghalhekk dan fetah dawn l-akkuzi. Giet esebita l-kwerela Dokument EM4.

Xehdet **Sylvana Cassar Gauci** fejn din tahdem id-Dipartiment tal-Veterinarja u qalet illi kienet fuq il-mezz socjali *Facebook* u rat illi kien hemm xi bejgh ta' ghasafar. Din marret fl-ghoxrin (20) ta' Novembru biex tivverifika dan il-post x'inhu u raw li kien *pet shop* fejn hemmhekk instab li kien hemm ghasafar ghall-bejgh u li dawn kienu kif qalet hi *over populated* f'kull gagga. Hija tghid illi skont l-Iskeda tal-Ligi dawn jistipulaw kemm irid ikun hemm ghasafar f'kull gagga.

Ix-xhud esebiet ic-*chats* kollha li kien hemm fuq *Facebook* fejn juri li kien hemm riklam fil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru, fil-hamsa u fil-hmistax (15) ta' Novembru. Marru wkoll fl-ghoxrin (20) ta' Novembru tal-elfejn u dsatax (2019). Hija tghid illi dawn ic-*chats* kienu mnizzla minn Dr. Vanessa Messina (Dok. SCG1).

Hija tghid ukoll illi meta marru fuq il-post fi Triq Santa Marija, Tarxien il-haddiem tal-hanut ikkuntattja lis-sid u Dr. Vanessa Messina kellmitu fuq it-telefon u ghalhekk skoprew li kien Aron Vella. Hija tghid illi kien hemm mill-ghasafar li kellhom il-prezzijiet u hemmhekk Dr. Messina hadet xi ritratti taghhom. Ix-xhid

tispjega illi l-ligi tistipula illi kull ghasfur irid ikollu certi centimetri kwadri, per ezempju *finches* irid ikollhom sitt mija u hamsin (650) u mbaghad trid izzid mitejn u hamsin (250) centimetri kwadri addizzjonali. Hija tghid ukoll illi fil-gageg kien hemm id-doppju tal-ghasafar li suppost ikunu f'gagga partikolari. Dawn il-qisien johorgu mill-Iskeda B u C tal-legizlazzjoni sussidjarja 49.16. Ir-ritratti gew esebiti bhala Dokument SCG 2. Hija tghid illi dawn l-ghasafar kienu go kamra fuq gewwa ta' dan il-hanut u mhux fil-hanut per se.

Tghid ukoll illi kienet hadet il-qies ta' gagga minnhom li kien hemm fiha *love birds forty one by forty one* u kien hemm fiha tlettax (13)-il ghasfur (Dok. SCG2). Hija tghid illi l-qisien hadithom Dr. Vanessa Messina.

Xehed ukoll **<u>Charles Spiteri</u>** li huwa kollega tax-xhud precedenti fejn dan jghid illi l-hanut maghruf bhala «The A Pet Shop», fi Triq Santa Marija, Hal Tarxien kien qed jopera f'Dicembru elfejn u dsatax (2019) fejn huwa ghadda bil-karrozza u vverifika dan il-

fatt. Huwa kkonferma d-dokument immarkat SG4 li hija applikazzjoni.

Xehdet **<u>Sara Boccuni</u>** bil-lingwa Ingliza u tghid illi meta tidhol applikazzjoni biex jinfetah *pet shop* din trid issir applikazzjoni lid-Dipartiment tal-Veterinarja a bazi tal-Iskeda A tar-regolament 439.16 u dan sabiex l-individwu jkun jista' jbiegh l-annimali. F'din l-applikazzjoni jrid ikun hemm liema speci ta' annimali ser jigu mibjuha u l-veterinarju li jkun rahom. Kundizzjoni ohra li l-applikant ma jistax ikollu kazijiet rigwardanti annimali.

Finalment xehed **<u>Marco Pesci</u>** fejn dan jghid illi ilu jahdem mal-imputat dawn l-ahhar seba' (7) snin. Jghid illi meta gew tal-Veterinarja kien hemm hu prezenti fil-hanut peress illi hu kien il-persuna responsabbli minn dan il-*pet shop*. Huwa jghid illi apparti l-bejgh ta' prodotti, kien hemm kamra wara maghluqa fejn kien hemm dawn l-ghasafar fejn huwa kellu jiehu hsiebhom u jnaddfilhom. Jghid illi dawn l-ghasafar ma kinux ghall-bejgh u ma kienx suppost jidhol hadd f'dik il-kamra. Huwa jkompli jghid illi veru kien hemm xi prezzijiet fuq xi gageg pero' dawn l-ghasafar

kienu gew minn hanut iehor u cioe' Piscopo Gardens peress li sija hu u anke l-imputat kienu jahdmu hemm ftit qabel peress illi l-imputat kien mizzewweg lit-tifla tas-sid ta' Piscopo izda wara dawn kienu sseparaw u qasmu xi affarijiet. Huwa jghid illi meta gew tad-Dipartiment tal-Veterinarja ma jiftakarx li kellhom xi rutella sabiex jiehdu l-qies tal-gageg.

Finalment xehed **Alan Portelli** fejn ikkonferma dak li kien qal ix-xhud ta' qablu u fejn ikkonferma li dawn l-ghasafar kienu ngabu minn Piscopo Gardens fejn huwa stess kien garr dawn il-gageg bl-ghasafar. Dan kien xi Ottubru tal-elfejn u dsatax (2019).

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-*

*Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible*

*but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi jirrizulta f'dawn il-proceduri illi kien hemm hafna nuqqasijiet rizultanti mill-investigazzjoni preliminari li ghamlu d-Dipartiment tal-Veterinarji li mbaghad ovvjament ma setghux jigu sanati tul il-proceduri kriminali.

Illi jinghad illi meta dawn l-ufficjali marru fuq il-post, ghalkemm hadu ritratti ta' din il-kamra mimlija gageg bl-ghasafar, madanakollu ma ngabitx l-ahjar prova li dawn l-ghasafar kienu jeccedu fin-numru f'kull gagga u ghalhekk imorru kontra l-legislazzjoni sussudjarja. Dan ghaliex mix-xhieda ta' Silvana Cassar Gauci ma hargux il-qies ezatt ta' kull gagga b'kemm kellhom ghasafar f'kull gagga. Li tghid din ix-xhud huwa kollox approssimattiv u certament fil-kamp kriminali dan mhux prova accettabbli. Ukoll ix-xhud il-hin kollu ssemmi lil Dr. Vanessa Messina li suppost kienet hi li hadet il-kejl u li suppost hi kienet li

hadet ir-ritratti izda mkien f'dawn il-proceduri ma giet tixhed bil-gurament din il-persuna.

Nuqqas iehor hu li l-anqas il-kwerela li hija fundamentali ghall-inizjazzjoni ta' dawn it-tip ta' proceduri ma gew ikkonfermati bil-gurament mill-persuna li ffirmata u cioe' Dr. Roberto Andrea Balbo.

Illi ugwalment ma ngabitx il-prova li tghaqqad l-allegat bejgh ta' dawn l-ghasafar mal-imputat u cioe' il-*Facebook page* li minnha beda kollox. Ma ttelatx il-prova tas-sid ta' din il-*Facebook page* u minn ezami ta' dan id-dokument ma hemm xejn li jorbot din mal-imputat odjern. L-istess ma ngabitx il-prova bil-gurament li l-imputat Aron Vella huwa s-sid il-propjeta' li nstabu fiha l-ghasafar ghalkemm mix-xhieda tad-difiza dan hareg.

Illi din il-Qorti ssib konfort fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li*

*wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Madankollu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **<u>Pulizija vs Cyrus Engerer</u>** deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014 gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal- provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

Illi ghaldaqstant din il-Qorti thoss illi dawn il-proceduri huma mankanti sija minn provi principali kif ukoll minn provi cirkostanzjali u dan principarjament minhabba li l-investigazzjonijiet li saru mid-Dipartiment tal-Veterinarja kienu mankanti ghall-ahhar minn dawn l-elementi essenzjali ghall-

inizjazzjoni ta' proceduri kriminali. Illi dawn l-ufficjali ghandhom ikollhom it-tahrig necessarju sabiex meta jkunu qeghdin jinvestigaw jadoperaw dawk il-mizuri necessarji u rikjesti mill-ligijiet li jkunu ser japplikaw u ghal dan il-ghan ghandha tigi notifikata l-Kummissarju ghall-Harsien tal-Annimali sabiex tara li dan isir.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Aron Vella** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li dawn ma gewx ippruvati skont il-ligi.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Dep. Reg.**